MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2023

Appell Inferjuri Numru 59/2022 LM

**Diane Deborah Fox**
*('l-appellata')*

***vs.***

**Identity Malta Agency**
*('l-Aġenzija appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul minn **Identity Malta Agency**, hawnhekk 'l-Aġenzija appellanta', minn deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni, [minn issa 'l quddiem 'il-Bord'], tat-13 ta' Mejju, 2022 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] li permezz tagħha l-Bord irrevoka d-deċiżjoni tal-Aġenzija intimata tal-20 ta' Diċembru, 2021, u b'hekk laqa' l-appell tar-rikorrenti **Diane Deborah Fox**, hawnhekk 'l-appellata'.

## Fatti

2. Ir-rikorrenti hija ċittadina Brittanika. Il-ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija [minn issa 'l quddiem 'il-Ftehim dwar il-Ħruġ'] li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar, 2020, stabbilixxa perijodu ta' transizzjoni sal-31 ta' Diċembru, 2020 sabiex ċittadini Brittaniċi japplikaw sabiex ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-Ftehim dwar il-Ħruġ. Dan il-Ftehim dwar il-Ħruġ kien jipprovdi li persuni ta' nazzjonalità Brittanika setgħu japplikaw għal permess ta' residenza, li biex jingħata kellhom jiġu sodisfatti r-rekwiżiti tal-artikolu 10(1)(b) u l-artikolu 15(2) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, u għalhekk dawn ma baqgħux intitolati għal tali residenza awtomatikament. L-artikolu 18(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ stabbilixxa li t-terminu sabiex wieħed japplika għal permess ta' residenza huwa ta' mhux inqas minn sitt xhur mill-perijodu transitorju, jiġifieri sat-30 ta' Ġunju, 2021, u jekk l-applikant ma josservax dan it-terminu, l-Aġenzija intimata jkollha l-obbligu li tiskrutinja ċ-ċirkostanzi u r-raġunijiet għaliex l-applikant ikun naqas milli jippreżenta applikazzjoni sat-terminu mogħti. L-appellata kellha ċertifikat ta' reġistrazzjoni taħt id-Direttiva 2004/38/KE, li iżda ma baqax validu wara t-tmiem tal-perijodu ta' transizzjoni, stante li hija naqset milli tapplika għal *status* ta' benefiċjarja taħt il-Ftehim dwar il-Ħruġ. Jirriżulta li fid-19 ta' Ġunju, 2021, ir-rikorrenti kkomunikat mal-Aġenzija intimata sabiex tistaqsi dwar l-applikazzjoni għal karta ta' residenza, iżda xorta waħda naqset milli tapplika mal-Aġenzija intimata sat-30 ta' Ġunju, 2021.

**Mertu**

3. Ir-rikorrenti applikat biex tkun benefiċjarja taħt il-Ftehim dwar il-Ħruġ fl-14 ta' Lulju, 2021, u fit-2 ta' Settembru, 2021 l-Aġenzija intimata kkomunikat mar-rikorrenti sabiex din tipprovdi provi bħala ġustifikazzjoni għall-applikazzjoni tardiva tagħha. Fl-20 ta' Diċembru, 2021, l-Aġenzija intimata infurmat lir-rikorrenti li, għalkemm hija applikat tard u ma tat l-ebda raġuni għat-tardività tagħha, l-applikazzjoni tagħha xorta waħda kienet ser tiġi kkonsidrata. Sussegwentement iżda, l-Aġenzija intimata ċaħdet l-applikazzjoni tar-rikorrenti għaliex mid-dokumenti ppreżentati minnha, irriżulta li hija ma ssodisfatx ir-rekwiżit tat-terminu ta' żmien li fih kellha tirrisjedi ġewwa Malta qabel it-tmiem tal-perijodu transitorju. Fl-ittra mibgħuta lir-rikorrenti mill-Aġenzija intimata, intqal illi:

> *"[y]our application is being refused in view that the documentation which you have submitted is not deemed sufficient to ascertain your uninterrupted residence in Malta prior to the end of the transition period, that is the 31st December, 2020. The evidence you provided only shows that prior to the last arrival in Malta in July 2021, you departed from Malta in October 2020 after arriving in Malta in July of the same year, discontinuing your residence in Malta by a period far exceeding that provided for in the EU legislation as applied in the EU/UK withdrawal agreement. All other evidence provided clearly shows that in previous years, you resided in Malta primarily during the summer peiod, which is less than the stipulated requirements in the same legislation."*

4. Permezz tar-rikors tal-appell tagħha quddiem il-Bord, ir-rikorrenti spjegat li hi u s-sieħeb tagħha ilhom jgħixu Malta mis-sena 2006, u għal dan il-għan huma jikru appartament ġewwa Buġibba. Qalet li huma kienu rritornaw lura r-Renju Unit f'Ottubru tal-2020, iżda minħabba s-sitwazzjoni tal-pandemija u l-

kanċellament ta' diversi titjiriet bl-ajru, huma ma setgħux jirritornaw lura Malta qabel Lulju tal-2021. Ir-rikorrenti ppreżentat ukoll diversi dokumenti, fosthom kontijiet tad-dawl u l-ilma bħala prova tal-perijodi li matulhom hija kienet residenti f'Malta fi żminijiet differenti.

5. L-Aġenzija intimata wieġbet li r-rikorrenti, fl-appell tagħha, imkien ma ppruvat tispjega għal liema raġuni d-deċiżjoni tagħha għandha titqies li mhijiex korretta. Qalet li għalhekk il-Bord għandu jirrifjuta li jieħu konjizzjoni tal-appell tar-rikorrenti. Spjegat li fl-1 ta' Frar, 2020 daħal fis-seħħ il-Ftehim dwar il-Ħruġ, li permezz tiegħu ċittadini Brittaniċi li kienu jgħixu Malta qabel it-tmiem tal-perijodu ta' transizzjoni, jiġifieri l-31 ta' Diċembru, 2020, setgħu japplikaw sabiex ikunu benefiċjarji taħt dan il-Ftehim. Qalet li Malta adottat sistema skont l-Artikolu 18(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, li permezz tagħha ċittadini Brittaniċi setgħu japplikaw għal *status* ta' residenza ġdid, li kien ifisser għalhekk li dan l-i*status* ma kienx jitgawda awtomatikament miċ-ċittadini Brittaniċi jew il-membri tal-familja tagħhom. L-Aġenzija intimata spjegat li biex persuna setgħet tikkwalifika għal dan l-i*status* f'Malta, hija kellha tkun tgħix fi Stat Membru qabel it-tmiem tal-perijodu ta' transizzjoni, u kellha tkompli tgħix fl-Istat Membru. Spjegat li għalhekk l-Istati Membri ma setgħux jirregolarizzaw l-i*status* ta' persuni li ma kinux jgħixu fit-territorju tal-Istat Membru b'konformità mal-liġi Ewropea taħt dan il-Ftehim. Qalet ukoll li l-kontinwità tal-perijodu ta' residenza ma kellux ikun affettwat minn assenzi temporanji li ma jeċċedux total ta' sitt xhur f'sena, jew minn assenzi ta' durata itwal f'każ li l-persuna jkollha tagħmel servizz militari, jew f'każ ta' assenza ta' massimu ta' tnax-il xahar konsekuttiv minħabba tqala jew twelid ta' tarbija, jew f'każ ta' mard serju, studju jew taħriġ vokazzjonali, jew minħabba xogħol fi Stat Membru jew pajjiż terz ieħor. L-

Aġenzija intimata spjegat li għalhekk, f'każ li ċittadin Brittaniku jkun jissodisfa dawn ir-rekwiżiti, li jkun għex f'Malta tul il-perijodu ta' transizzjoni u kompla jgħix Malta wara, dan kellu jingħata permess ta' residenza. Qalet ukoll li skont l-artikolu 18(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, it-tmiem tal-perijodu li fih kellhom jiġu sottomessi dawn l-applikazzjonijiet kellu jkun mhux anqas minn sitt xhur mit-tmiem tal-perijodu transitorju. Spjegat li għalhekk, biex persuna tingħata permess ta' residenza, din kellha tissottometti l-applikazzjoni tagħha qabel it-30 ta' Ġunju, 2021 sakemm din kienet tirrisjedi f'Malta matul il-perijodu ta' transizzjoni. Spjegat ukoll li l-imsemmi Artikolu 18 jistabbilixxi li fejn persuna tonqos milli tissottometti l-applikazzjoni tagħha sad-data stipulata, l-awtoritajiet kompetenti kellhom jevalwaw iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u r-raġunijiet għal dan in-nuqqas, u kellhom iħallu persuna tissottometti l-applikazzjoni tagħha fi żmien raġonevoli f'każ li jiġi stabbilit li kien hemm ċirkostanzi meqjusa validi għal dan in-nuqqas. Qalet ukoll li bħala Aġenzija, hija ħadet ħsieb tistabbilixxi kuntatt mal-benefiċjarji potenzjali kollha li kellhom dokument ta' residenza validu, kif ukoll għamlet l-informazzjoni kollha marbuta ma' dan il-proċess disponibbli fuq il-*website* tagħha, u waqqfet indirizz tal-posta elettronika sabiex tkun tista' tassisti persuni li jkollhom xi diffikultà. Qalet ukoll li qabel id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet, ir-rikorrenti kienet naqset li tissottometti applikazzjoni magħha sabiex tikseb *status* ta' benefiċjarja skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ.

6. L-Aġenzija intimata spjegat ukoll li filwaqt li r-rikorrenti qegħda tgħid li kellha ċertifikat ta' reġistrazzjoni validu, il-liġi dwar il-moviment ħieles tal-persuni ma baqgħetx tapplika għal ċittadini Brittaniċi fi tmiem il-perijodu transitorju, irrispettivament minn jekk dawn kellhomx ċertifikat ta'

reġistrazzjoni validu jew le. Qalet ukoll li wara t-tmiem tal-perijodu transitorju, iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni ma baqax jitqies validu fil-każijiet ta' persuni li naqsu milli jressqu applikazzjoni sabiex jirregolarizzaw l-i*status* tagħhom, u għalhekk ladarba r-rikorrenti naqset milli tissottometti l-applikazzjoni tagħha sal-1 ta' Lulju, 2021, iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tagħha ma baqax jitqies li kien validu. L-Aġenzija intimata qalet li fl-1 ta' Ġunju, 2021 r-rikorrenti kienet talbet informazzjoni dwar il-possibilità li tissottometti applikazzjoni sabiex tikseb permess ta' residenza abbażi tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, iżda l-applikazzjoni tagħha sabiex tkun benefiċjarja taħt dan il-Ftehim ippreżentatha fl-14 ta' Lulju, 2021. L-Aġenzija intimata spjegat li fit-2 ta' Settembru 2021, rappreżentant tal-Aġenzija għamel kuntatt mar-rikorrenti, u talabha tissottometti l-provi meħtieġa sabiex turi li hija fil-fatt kienet intitolata għal dan l-i*status*, u fil-fatt ir-rikorrenti ppreżentat id-dokumentazzjoni kollha fis-7 ta' Settembru, 2021. L-intimata qalet li d-dokumenti ppreżentati mir-rikorrenti fil-fatt ma jippruvawx b'mod sodisfaċenti li hija kienet qegħda tgħix Malta fi tmiem il-perijodu transitorju. Qalet li bħala prova, ir-rikorrenti ppreżentat kopja tat-tranżazzjonijiet bankarji mwettqa minnha bejn l-4 ta' Lulju, 2020 u l-1 ta' Settembru, 2020, kif ukoll kopja ta' kuntratt ta' kera tal-fond li kien validu għal perijodu ta' sena fl-2020. Qalet li għalhekk mhuwiex ċar jekk fiż-żmien meta r-rikorrenti ppreżentat l-applikazzjoni tagħha, dan il-kuntratt ta' kera kienx għadu validu. L-Aġenzija intimata qalet li prova oħra sottomessa mir-rikorrenti kienet kopja tal-kontijiet tal-ARMS, u li hija ma setgħetx tgħid li kienet telqet minn Malta f'Ottubru tal-2020 u rritornat f'Lulju tal-2021, meta l-kont tal-konsum tad-dawl u l-ilma għal dan il-perijodu jindika li kien hemm konsum fil-perijodu bejn Settembru u Novembru tal-2020, u għall-ewwel erba' xhur tal-2021. L-

Aġenzija intimata qalet li hija ma setgħetx tifhem kif ir-rikorrenti ħallset dawn il-kontijiet meta fil-fatt hija kienet irritornat lura lejn ir-Renju Unit f'dan il-perijodu. L-Aġenzija qalet li għalhekk, wara li r-rikorrenti allegat li kienet ilha tgħix hawn Malta ħmistax-il sena, l-unika prova li hija kellha x'turi kienet żewġ tranżazzjonijiet ta' ġbid ta' flus minn bank fuq perijodu ta' xahrejn, u l-ħlas ta' kontijiet tad-dawl u l-ilma indirizzati lis-sid tal-proprjetà li għandu jirriżulta li tħallsu minn persuna li mhijiex ir-rikorrenti. L-Aġenzija intimata qalet li għalhekk hija ma setgħetx tikkonsidra li r-rikorrenti kienet ġabet provi suffiċjenti sabiex turi li hija kienet eżerċitat il-jeddijiet tagħha taħt it-Trattat qabel ġie fis-seħħ il-perijodu transitorju, u għalhekk id-disposizzjonijiet tal-Ftehim dwar il-Ħruġ ma kinux japplikaw għaliha. L-Aġenzija intimata qalet ukoll li għaliha kien ċar li r-rikorrenti fil-fatt ma kinitx tgħix f'Malta, u filwaqt li allegat li hija ma setgħetx tirritorna lejn Malta bil-kanċellamenti tat-titjiriet minħabba l-pandemija, l-ajruport ta' Malta dejjem kien miftuħ wara Ġunju tal-2020, u kien hemm titjiriet mir-Renju Unit ta' kuljum. L-Aġenzija intimata qalet li għalhekk ma jistax jingħad li r-rikorrenti għamlet dak kollu li setgħet biex tirritorna lejn Malta, u jekk hija xtaqet li tirritorna Malta, għandu jirriżulta li kien hemm diversi titjiriet lejn Malta qabel Lulju tal-2021. L-Aġenzija intimata qalet li r-rikorrenti baqgħet tgħix f'Malta sa tmiem ix-xhur tas-sajf, u f'Ottubru rritornat lejn ir-Renju Unit, u għalhekk għandu jirriżulta li r-rikorrenti żżur Malta tul ix-xhur tas-sajf iżda ma tikkonsidrax lil Malta bħala l-post tar-residenza tagħha. L-Aġenzija intimata spjegat li *ai termini* tal-Artikolu 15(2) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, ladarba r-rikorrenti mhijiex residenti permanenti f'Malta, hija ma tistax tqatta' aktar minn sitt xhur barra minn Malta, li b'mod eċċezzjonali jistgħu jiżdiedu għal tnax-il xahar f'każ ta' tqala jew twelid ta' tarbija, mard serju, jew għal raġunijiet ta'

studju jew taħriġ vokazzjonali, jew għal raġunijiet ta' xogħol f'pajjiż terz. L-intimata qalet li ladarba r-rikorrenti telqet minn Malta f'Ottubru tal-2020 u rritornat lura lejn Malta biss f'Lulju tal-2021, hija mhijiex konformi mar-regola tal-assenza, u għalhekk hija mhijiex eliġibbli għall-i*status* ta' residenza li applikat għalih.

7. L-Aġenzija intimata żiedet tgħid li hija kkonsidrat il-fatti kollha disponibbli għaliha qabel tat deċiżjoni finali dwar l-applikazzjoni tar-rikorrenti, u kkonsidrat ukoll li ma kien hemm l-ebda prova valida għas-sottomissjoni tardiva tal-applikazzjoni mir-rikorrenti, u lanqas ma ġie spjegat għal liema raġuni r-rikorrenti naqset milli tissottometti l-applikazzjoni tagħha meta kienet Malta fl-2020. L-Aġenzija intimata qalet li għalhekk għandu jirriżulta li r-rikorrenti ma ressqet l-ebda prova valida li hija baqgħet tgħix fi Stat Membru qabel tmiem il-perijodu ta' transizzjoni, u hija baqgħet tirrisjedi f'Malta wara, skont l-Artikolu 10 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, u kien għalhekk li l-applikazzjoni tagħha ġiet rifjutata.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

8. Permezz ta' deċiżjoni mogħtija fit-13 ta' Mejju, 2022, il-Bord iddeċieda li l-appell tar-rikorrenti għandu jiġi milqugħ u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"1.<u>Preliminary</u>*

*The Board:*

*Saw that in virtue of a decision dated 20th December 2021, Identity Malta Agency informed the appellant as follows:*

"Reference is made to your late submission application request for the beneficiary status on the 8th October 2021 under the EU/UK Withdrawal Agreement.

Notwithstanding that no evidence was provided from your end to justify the submission of a late application, Identity Malta has carefully considered the documentation submitted in support of your application.

Your application is being refused in view that the documentation which you have submitted is not deemed sufficient to ascertain your uninterrupted residence in Malta prior to the end of the transition period, that is the 31st December 2020.

The evidence you provided only shows that prior to the last arrival in Malta in July 2021, you departed Malta in October 2020 after arriving in Malta in July of the same year, discontinuing your residence in Malta by a period far exceeding that provided for in the EU legislation as applied in the EU/UK Withdrawal Agreement. All other evidence provided clearly shows that in previous years, you resided in Malta primarily during the summer period, which is less than the stipulated requirements in the same legislation."

*Saw the appeal registered on 21st December 2021; and*

*Saw the reply filed by Dr Katrina Busuttil on behalf of Identity Malta Agency on 17th February 2022.*

***2. Submissions filed, evidence produced and considerations of the Board***

*The Board observed that when the appeal was filed, the receipt issued instructed the parties to submit any further documentation within fifteen days. At the outset, the Board declares that although it is not legally bound to hold sittings, Art. 3(2) of the Administrative Justice Act (Chapter 490 of the Laws of Malta) stipulates that amongst the principle which this Board, amongst other bodies, is bound to uphold, is the principle of equality of arms. The Board refers to the judgment of the Court of Appeal* ***Edwin Zarb et vs Gilbert Spiteri et*** *(decided on 6th February, 2015) in which it was held that the principle* audi alteram partem *does not necessarily mean that the parties must be physically heard but that they must be given sufficient time to present the evidence they wish to present. It is up to the court (or in this case, the Board) to decide what should be done in the interest of justice.*

*At the outset, the Board observes that this case is linked to the appeal filed by the applicant's partner, Mr Stephen Lewis (IAB/FOM/7/2021) and all the evidence in one file is applicable to the other file too.*

*The appeal filed by Ms Fox consists of a short e-mail addressed to this Board's secretariat. She made the following points:*

- *She has lived in Malta with her partner, Stephen Lewis, since 2006.*
- *They rented a flat in Buġibba. Although they had an identity card, they were stuck in the UK around the time they were to renew the identity card. They could not return as their booked flights had been cancelled.*
- *From October 2020, the earliest flight to Malta they could get, was on 9th July, 2021. As soon as they arrived, they went to the office which handles identity cards to explain the matter. They took with them all the necessary documentation, including bank statements and paid bills for the last sixteen years.*
- *They are both over sixty-five (65) years of age and considered Malta their home. They did have a small flat in London where their children live. It was therefore not a problem for them to live in that flat during the lockdown period.*
- *They could not understand why their renewal application was rejected after such a long time in Malta and after having HSBC bank accounts and having paid rent on time to their landlord for sixteen years.*

*In support of the appeal, Ms Fox presented:*

- *Evidence that her partner's flight to London Heathrow Airport (originally scheduled for 20th March 2021) had been cancelled;*
- *Evidence that either the appellant or her partner travelled from London to Malta on 8th June 2021;*
- *Evidence that either the appellant or her partner travelled from London to Malta on 10th January 2021;*
- *Evidence that the appellant and her partner were due to travel from London to Malta on 9th July 2021;*
- *Evidence that the appellant's flight from London to Malta, scheduled for 8th April 2021, had been cancelled;*
- *Evidence that the appellant and her partner rented an apartment in Triq San Xmun, Buġibba, from Mr Joseph Caruana and Mrs Rose Caruana.*

*The Board noted, at this juncture, that the appellant only submitted a partial copy of the first page of the rental agreement. Furthermore, the copy submitted indicated that the lease was a one year lease which started in May 2018.*
*The Board emphasises that the writing on the agreement is hard to read. It is therefore not easy for the Board to make out certain dates.*

- *A utility bill dated 15th October 2020 relative to the rented apartment which indicated that €80.87 had been paid for water and electricity consumption for the period between 18th July and 16th September 2020.*
- *A utility bill dated 4th March 2010 relative to the rented apartment which indicated that €199.15 had to be paid for water and electricity consumption for the period between 3rd July and 20th November 2009;*
- *A utility bill dated 19th August 2020 relative to the rented apartment which indicated that €58.81 had been paid for water and electricity consumption for the period between 16th May and 17th July 2020.*

*The Board saw that the Agency presented copies of yet more utility bills as those bills had been submitted to it in support of the appellant's application.*

*Dr Kristina Busuttil, replying to the appellant's appeal on the Agency's behalf, stated that the documentation presented to the Agency by the appellant did not prove, to a sufficient extent, that she lived in Malta prior to the end of the transition period. She refers to the lease agreement dated 2020 and stated that when a copy thereof was submitted to the Agency (in 2021), the agreement may not have been valid. She also stated that the Agency could not understand how Ms Fox said she left Malta in October 2020 and returned in July 2021, yet the utility bill for the period between September and November 2020 were paid on 18th October 2020 (when she was allegedly absent from Malta).*

*The Board can see an easy explanation to this.*

*First of all, the appellant presented several utility bills, at least one of which goes back to 2010. All utility bills relate to the same Buġibba address. Whilst the utility bills refer to the Buġibba apartment, they were sent via the postal service to the landlord at his address in Ħaż-Żebbuġ (41, Triq Sant'Antnin, Ħaż-Żebbuġ). This means that the appellant could only have obtained access to the utility bills through their landlord, Mr Caruana. Surely Mr Caruana would not have provided copies of the utility bills to the appellant had the lease been over. One does not provide copies of documents to people who have nothing to do with those documents.*

*As to the Agency being able to understand why the bills were paid in person in Maltapost branches when the appellant was allegedly outside Malta, there is also a simple explanation. In leases, it is usual for the landlord to continue to receive utility bills and to pay them himself. Then, the landlord would demand reimbursement from the tenant. Such a practice ensures that utilities are paid for in a timely manner, should there be an unreliable tenant. It is therefore likely that Mr Caruana (the*

*landlord) paid the bills in person at Maltapost branches and then demanded the reimbursement from the appellant.*

*How would the appellant have obtained access to the utility bills had he severed all ties with Malta and with the landlord? Clearly, the appellant must have obtained the utility bills through the landlord, especially as most of the utility bills are rubber-stamped in a way which indicates they were paid.*

*This holds true even for periods of* ***alleged*** *absence from Malta. During the appellant's alleged absence from Malta, utility bills would have been paid by the landlord and would have been sent to the appellant so the landlord could demand reimbursement. This effectively means that whatever the dates on the lease agreement indicate, the appellant and his partner were effectively using the Buġibba apartment.*

*As to the Agency's doubts on the continued validity of the lease, one observes, with respect, that the landlords (Joseph and Rose Caruana) are over eighty (80) years old. This Board does not expect octogenarians to be scrupulously attentive to the details of letting agreements. This would be especially true if the appellant and his partner had been renting the apartment for several years without problem and a bond of trust was built between the landlords and the appellant.*

*In any case, the Agency could have at least tried to contact the landlords to obtain some information. However, there is no evidence that the Agency embarked on such an exercise.*

*The Agency also claimed that it was not true that the appellant tried her best to return to Malta. The Board does not see the need to go into too much detail on this matter. It is undoubted that the pandemic sent everyone's plans into disarray. What matters is not whether there were daily flights operating between the UK and Malta. What actually matters is whether such flights were available to the appellant, as it could well be that flights on dates convenient to the appellant were already fully booked. It must also be observed that the UK is much larger than Malta. Given that the appellant lived in London, would it be reasonable, for example, to expect the appellant to travel over seven hundred kilometres to Scotland or elsewhere in the UK simply in order to catch the earliest possible flight to Malta?*

*During a pandemic, the main concern of the appellant and her partner was surely to take care not to contract any illness and to minimise inconvenience and disruption to their lives. The Board is not going to find fault with that, especially given that the appellant and his wife are sexagenarians.*

*In the tenth paragraph of the reply, Dr Busuttil claimed that "...* following submission of the application, Ms Fox remained residing in Malta, until the end of the summer months in Malta. However, in October she returned to the United Kingdom, as stated by the appellant (copy of letter confirming that Ms Fox returned to the United Kingdom in October 2021 attached and marked as Doc. 9). That it is clear that the appellant resides in Malta during the summer months and does not consider Malta to be his primary place of residence."

*The Board disagrees. This is a classic case of a sweeping statement. The Agency has seen what happened during 2020 and 2021 and is imagining that the appellant only resided in Malta during the summer months of each calendar year. However, it has failed to prove that the appellant* ***only*** *lived in Malta during the summer months and repeated such conduct over several years. One instance does not constitute a pattern. Furthermore, if it is true that the appellant only lived in Malta during the summer months, then how and why did she obtain access to utility bills which cover the winter months (fol. 25, fol. 20, fol. 10 and fol. 9)?*

*The Board, once again, emphasises that even when calculating when the appellant was present or absent and when calculating other things related to an application, the human dimension (see* ***Navjot Singh vs. L-Uffiċċju Prinċipali tal-Immigrazzjoni)*** *must be kept at the forefront. In this case, as one is speaking of the appellant and her partner who have clearly spent several years in Malta, one must not begrudge them a residence permit simply because they allegedly submitted a late application, allegedly without good reason for doing so.*

***3. Decision***

*Therefore, after having read the relative submissions as well as after having seen the provisions of Chapter 217 of the Laws of Malta and of S.L. 217.25, the Board revokes the Agency's decision and accepts the appeal.*

*The Board orders that this decision be served on the parties without delay."*

## L-Appell

9. L-Aġenzija appellata ressqet l-appell tagħha minn din id-deċiżjoni permezz ta' rikors tal-appell ippreżentat fit-23 ta' Mejju, 2022, fejn talbet lil din il-Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka id-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni tat-13 ta' Mejju, 2022 fl-ismijiet premessi, u tordna lill-Bord jieħu

deċiżjoni mill-ġdid wara li jieħu konjizzjoni tar-risposta tal-Aġenzija appellanta tas-17 ta' Frar, 2022, skont il-konsiderazzjonijiet li ser tkun qegħda tagħmel din il-Qorti, u bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellata.

10. Fl-ewwel lok, l-Aġenzija appellanta issollevat in-nullità tal-appell ippreżentat quddiem il-Bord, u qalet li l-Bord ma messu qatt aċċetta l-appell ippreżentat quddiemu. Qalet li s-sieħeb tal-appellata, sabiex jinforma lill-Bord li kien qiegħed jappella mid-deċiżjoni tal-Aġenzija intimata, bagħat biss korrispondenza li permezz tagħha informa lis-Segretarju tal-Bord li kien qiegħed jappella, u l-istess korrispondenza la hija fil-forma ta' appell, la fiha aggravji u lanqas ma fiha r-raġunijiet li fuqhom ir-rikorrenti sejset l-appell tagħha mid-deċiżjoni tal-Aġenzija intimata. Qalet li għalhekk hija kienet żvantaġġjata bil-kbir meta ġiet biex tirrispondi għall-appell imressaq mir-rikorrenti, għaliex hija la kellha l-aggravji u lanqas il-bażi legali tal-appell. Qalet li l-Bord injora wkoll ir-risposta tagħha, fejn hija eċċepiet li l-appell tar-rikorrenti huwa null. L-Aġenzija intimata staqsiet kif hija kellha tkun taf x'risposta u difiża kellha tippreżenta, meta ma kellha l-ebda informazzjoni dwar fhiex kien jikkonsisti l-appell, u lanqas ma kienet taf kif kellha tirribatti għall-'aggravji' sollevati. L-appellanta qalet li għalhekk il-Bord kellu jqis li l-korrispondenza intavolata ma kinitx suffiċjenti biex tikkostitwixxi appell, u għalhekk kellu jirrifjuta li jieħu konjizzjoni tiegħu.

11. It-tieni aggravju tal-appellanta huwa li l-Bord kien żbaljat meta wasal għall-konklużjoni li l-appellata kienet tirrisjedi ġewwa Malta. L-Aġenzija appellanta qalet li l-liġi tipprovdi li sabiex benefiċjarju jkun jikkwalifika għad-dritt ta' residenza ġewwa Malta skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ, irid jissodisfa diversi rekwiżiti, fosthom li jkun eżerċita d-dritt tiegħu li jirrisjedi fi Stat Membru

f'konformità mad-dritt tal-Unjoni Ewropea qabel tmiem il-perijodu ta' transizzjoni, u jibqa' jirrisjedi hemmhekk wara dan. L-Aġenzija appellanta qalet ukoll li l-artikolu 15(2) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, jispeċifika wkoll kif għandha tiġi determinata l-kontinwità tar-residenza għall-finijiet tal-kisba tad-dritt ta' residenza permanenti, b'tali mod li l-kontinwità tar-residenza m'għandhiex tkun affettwata minn kull assenza temporanja li ma tkunx teċċedi total ta' sitt xhur f'kull sena; jew kull assenza li ddum aktar minn hekk minħabba servizz militari obbligatorju; jew assenza waħda b'massimu ta' tnax-il xahar konsekuttiv għal raġunijiet importanti inkluż tqala u twelid, mard gravi, studju jew taħriġ vokazzjonali, jew stazzjonament fuq xogħol fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż terz. L-Aġenzija appellanta qalet li apparti dan, l-artikolu 18(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ jistipula li l-applikant jista' japplika għal permess ta' residenza sat-30 ta' Ġunju, 2021 sakemm ikun jirrisjedi ġewwa Malta fil-perijodu transitorju jew ikun membru tal-familja tal-benefiċjarju, liema relazzjoni tkun ġiet stabbilita qabel il-perijodu transitorju. Qalet li huwa ċar li l-appellata ma tissodisfax ir-rekwiżiti sabiex jinħareġ permess ta' residenza taħt il-Ftehim dwar il-Ħruġ. Spjegat li l-appellata ssottomettiet l-applikazzjoni tagħha fl-14 ta' Lulju, 2021 jiġifieri wara t-terminu impost bil-liġi, u li hija kellha wkoll l-opportunità li tiġġustifika ruħha għaliex l-applikazzjoni tagħha daħlet wara t-30 ta' Ġunju, 2021, iżda għal xi raġuni l-appellata naqset milli tagħmel dan ukoll. L-appellanta qalet li l-applikazzjoni tal-appellata qatt ma setgħet tiġi aċċettata, iżda din xorta waħda ngħatat l-opportunità li tippreżenta kull tip ta' prova li għandha sabiex titqies li kienet eliġibbli. L-appellanta qalet li minkejja li l-appellata ppreżentat xi kontijiet u kuntratt, hija xorta waħda naqset milli tissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 15 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ u l-Artikolu 16(3) tad-Direttiva 2004/38/KE,

li ġew trasposti fil-liġi sussidjarja 460.17, u dan għaliex ma ppruvatx li l-assenza temporanja tagħha minn Malta ma kinitx teċċedi total ta' sitt xhur f'kull sena qabel il-perijodu ta' transizzjoni, kif ukoll wara. Qalet li jekk wieħed japplika l-loġika, billi l-kont tad-dawl ikun għal perijodu ta' tliet xhur, ma jfissirx li l-appellata kienet preżenti f'Malta għal xahrejn sħaħ jew preżenti f'Malta, u fil-fatt il-konsum kien wieħed baxx. L-Aġenzija appellanta qalet li fil-fatt il-Bord assuma li ladarba l-kont ikun għal xahrejn sħaħ, dan kellu jfisser li l-appellata kienet qegħda tgħix fil-fond jew li hija irrisjediet fil-fond għal xahrejn sħaħ. Qalet li barra minn hekk, l-appellata xorta waħda ma ssodisfatx ir-rekwiżit tal-preżenza ta' mill-inqas sitt xhur f'Malta kull sena, inkluż fil-perijodu transitorju. L-appellanta qalet ukoll li l-kontijiet isejħu lil Joseph Caruana, u tħallsu meta l-appellata ddikjarat li ma kinitx tinsab f'Malta. L-appellanta żiedet tgħid li l-Bord ma setax jasal għall-konklużjoni li l-appellata kienet tikkwalifika għall-ħruġ ta' permess ta' residenza taħt il-Ftehim dwar il-Ħruġ jekk hija naqset milli tapplika sat-30 ta' Ġunju, 2021, u ma tat l-ebda raġuni valida għaliex l-applikazzjoni ma saritx fit-terminu impost mil-liġi, u lanqas ma ppruvat li hija kienet Malta mill-anqas għal sitt xhur f'kull sena. L-appellanta qalet ukoll li ma tistax tifhem għal liema raġuni l-Bord ippretenda li hija kellha ġġib prova li l-applikanta kienet jew ma kinitx tirrisjedi f'Malta għall-perijodu impost bil-liġi, u jkun siewi li jingħad li l-obbligu tal-prova jmiss lil min jallegah, u dik il-parti għandha ġġib l-aħjar prova. Qalet li għalhekk l-appellata kellha tipprova li hija ssodisfat ir-rekwiżiti kollha. L-Aġenzija appellanta qalet ukoll li minkejja li huwa minnu li l-Bord jirregola l-proċedura tiegħu stess, dan għandu jagħmlu b'ħarsien tal-prinċipji, fosthom dak tal-aqwa prova, u fil-każ odjern ma jistax jingħad li l-appellata ppruvat il-każ tagħha bl-aħjar mod quddiem il-Bord, partikolarment meta hija naqset milli ġġib

prova tal-karti tal-imbarkazzjoni u tal-kontijiet bankarji tagħha. Qalet ukoll li dak li mhux fl-atti huwa meqjus li ma jeżistix, u l-ġudikant irid jiddeċiedi skont l-evidenza u mhux skont l-għerf privat tal-awtorità li qegħda tiddeċiedi. Qalet li għalhekk il-Bord ma setax jaqbad u jassumi li l-appellata għandha tingħata permess ta' residenza meta ma ssodisfatx il-kundizzjonijiet meħtieġa abbażi ta' xiex kellu jinħareġ il-permess.

12. It-tielet aggravju tal-appellanta huwa li l-Bord għamel apprezzament żbaljat tal-liġi, u senjatament tal-Artikolu 5 tal-Liġi Sussidjarja 217.25. L-appellanta qalet li fl-ewwel lok, hija ma setgħet qatt tilqa' l-applikazzjoni tal-appellata, għaliex din ġiet ippreżentata wara t-terminu impost mil-liġi, jiġifieri wara t-30 ta' Ġunju, 2021, u hija naqset milli tagħti raġuni valida għal din it-tardività. Qalet li l-appellata kellha sa sitt xhur mit-terminu tal-perijodu ta' transizzjoni biex tapplika, u l-Artikolu 18 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ jagħti wkoll opportunità lill-applikant biex jiġġustifika ruħhu u jagħti raġuni valida, iżda l-appellata naqset milli tagħmel dan ukoll. L-Aġenzija appellanta qalet li għalhekk, wara li għadda dan it-terminu, l-appellata ma kinitx f'pożizzjoni li tippreżenta l-applikazzjoni għall-permess tar-residenza taħt il-Ftehim dwar il-Ħruġ, u ladarba l-liġi Maltija, id-Direttiva 2004/38/KE u l-Ftehim dwar il-Ħruġ huma ċari, u l-appellata naqset milli taderixxi mat-terminu impost jew tat raġuni valida għal din it-tardività, l-applikazzjoni tagħha ma kellhiex tiġi aċċettata.

## Ir-Risposta tal-Appell

13. L-appellata fir-risposta tagħha qalet li hija ssottomettiet applikazzjoni għal permess ta' residenza taħt il-Ftehim dwar il-Ħruġ fl-14 ta' Lulju, 2021, u hija

ġiet mgħarrfa bir-rifjut tal-applikazzjoni tagħha fl-20 ta' Diċembru, 2021 mill-Aġenzija appellanta, wara li din spjegat li l-appellatta ma tissodisfax ir-rekwiżiti imposti mil-liġi, għaliex ma kinitx tirrisjedi f'Malta għall-perijodu rikjest mil-liġi qabel it-tmiem tal-perijodu transitorju. L-appellata qalet li d-deċiżjoni mogħtija mill-Bord hija ġusta u għandha tiġi kkonfermata.

14. B'riferiment għall-ewwel aggravju tal-appellanta, l-appellata qalet li ġie stabbilit diversi drabi fil-ġurisprudenza, li n-nullità tal-atti hija sanzjoni estrema li l-liġi timponi biss meta n-nuqqas formali jew sostanzjali ma jkunx jista' jiġi ttollerat. Qalet li għalhekk att ġudizzjarju għandu jitqies li huwa null għal raġunijiet gravi u serji fil-limiti tad-disposizzjonijiet espressi tal-liġi. Qalet li minn qari tar-rikors tal-appell tagħha, l-aggravji li hija qegħda tilmenta minnhom għandhom jirriżultaw li huma evidenti, u għalhekk l-appell tagħha ma jistax jiġi ddikjarat null.

15. L-appellata qalet li bit-tieni aggravju tagħha, l-Aġenzija appellanta qegħda titlob lil din il-Qorti tagħmel apprezzament mill-ġdid tal-fatti. L-appellata għamlet riferiment għall-artikolu 25A (8) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta, li jgħid li d-deċiżjonijiet tal-Bord għandhom ikunu finali ħlief għar-rigward ta' punti ta' dritt f'ċerti istanzi, u qalet li għalhekk appell minn deċiżjoni tal-Bord seta' jsir biss fuq punt ta' liġi u mhux biex issir evalwazzjoni tal-provi mill-ġdid. Qalet li sabiex wieħed jikkwalifika għal permess ta' residenza taħt il-Ftehim dwar il-Ħruġ, l-individwu jrid ikun eżerċita d-dritt tiegħu tal-libertà tal-moviment sa qabel it-tmiem tal-perijodu transitorju, jiġifieri sal-31 ta' Diċembru, 2020. Qalet li għalhekk għall-finijiet ta' kontinwità ta' residenza f'dan ir-rigward, wieħed irid iħares lejn il-perjiodu ta' qabel il-31 ta' Diċembru, 2020.

Qalet li hija ppreżentat diversi dokumenti li juru li hija kienet ilha tgħix Malta għal żmien twil, inkluż tul il-perijodu transitorju. Qalet li mill-provi għandu jirriżulta li hija telqet minn Malta għal btala f'Londra f'Ottubru tal-2020, u għalhekk bejn Ottubru tal-2020 u l-31 ta' Diċembru tal-istess sena, hija kienet assenti minn Malta għal perijodu ta' xahrejn, liema perijodu mhux meqjus li jaffettwa l-kontinwità tar-residenza *ai termini* tal-artikolu 6(3) tal-L.S. 460.17 u tal-Ftehim dwar il-Ħruġ. Qalet li l-Aġenzija appellanta ma tat l-ebda informazzjoni u ma ressqet l-ebda provi dwar kif waslet għad-deċiżjoni tagħha li l-appellata tul dawn is-snin kollha kienet tgħix Malta għal ftit xhur fis-sajf biss, u għalhekk l-Aġenzija appellanta naqset milli tagħti bażi sufficjenti għad-deċiżjoni tagħha. Qalet li l-Aġenzija appellanta tibbaża d-deċiżjoni tagħha fuq it-tardività tal-applikazzjoni tal-appellata, iżda l-Artikolu 18(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ jipprovdi li applikazzjoni tista' tkun waħda tardiva sakemm wieħed jipprovdi provi validi għalfejn ma rrispettax it-terminu impost bil-liġi. Qalet li hija pprovdiet diversi dokumenti, fosthom prova tat-titjiriet li ġew ikkanċellati, li juru li l-applikazzjoni tagħha kienet waħda tardiva għaliex hija weħlet Londra fil-perijodu tal-pandemija, u li hija ma kellha l-ebda kontroll fuq din is-sitwazzjoni. Qalet ukoll li minkejja li l-Aġenzija appellanta kienet konxja mill-effetti li l-pandemija ħalliet fuq l-ivvjaġġar madwar id-dinja, hija ma pprovdietx il-faċilità li applikazzjonijiet bħal dawn isiru *online*, u għalhekk hija kellha tkun f'Malta fiżikament sabiex tissottometti l-applikazzjoni tagħha. Qalet ukoll li hija kellha sat-30 ta' Ġunju, 2021, biex tissottometti l-applikazzjoni tagħha. Spjegat li mill-provi jirriżulta li l-ewwel possibilità li hija kellha sabiex tirritorna Malta kien fit-8 ta' Lulju, 2021, u mal-wasla tagħha f'Malta hija marret fl-uffiċċju ta' Identity Malta sabiex tibda l-proċess għall-applikazzjoni għal permess taħt il-Ftehim

dwar il-Ħruġ. Qalet li fil-fatt hija ssottomettiet l-applikazzjoni tagħha fl-14 ta' Lulju, 2021, jiġifieri ftit jiem biss wara li għalaq it-terminu, u hija min-naħa tagħha pprovdiet id-dokumenti li jagħtu raġuni valida għalfejn hija daħħlet l-applikazzjoni tagħha tard, u għalhekk għandu jirriżulta li hija ssodisfat ir-rekwiżiti kollha imposti bil-liġi.

16. B'riferiment għat-tielet aggravju fejn l-appellanta qalet li l-Bord għamel apprezzament żbaljat tal-liġi, u senjatament tal-artikolu 5 tal-Liġi Sussidjarja, 217.25, l-appellata qalet li l-appellanta imkien ma identifikat fejn u kif il-Bord għamel apprezzament żbaljat tal-liġi, iżda minflok l-Aġenzija injorat il-provi mressqa mill-appellata u kompliet iżżomm ferm mat-teżi żbaljata tagħha li l-appellata bl-ebda mod ma ġġustifikat l-applikazzjoni tardiva tagħha. L-appellata qalet li l-appellanta lanqas mhi korretta meta tgħid li hija ma setgħetx tilqa' l-applikazzjoni tal-applikanta, għaliex l-artikolu 18(1)(d) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ jagħmilha ċara li applikazzjoni tista' tkun tardiva, sakemm wieħed jipprovdi raġunijiet validi għalfejn ma rrispettax it-terminu impost mil-liġi. Qalet li fil-fatt hija ppreżentat diversi dokumenti li juru li hija kienet assenti minn Malta, u għalhekk kienet prekluża milli tippreżenta l-applikazzjoni tagħha fil-ħin għaliex sadanittant intlaqtet negattivament ukoll mill-effetti tal-pandemija. Qalet li l-Bord kien korrett meta qies dawn ir-raġunijiet bħala validi fil-kuntest tal-applikazzjoni tardiva *ai termini* tal-artikolu 18(1)(d) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, hekk kif hija ma kellha l-ebda kontroll fuq dawn iċ-ċirkostanzi, u għalhekk għandu jirriżulta li l-apprezzament tal-Bord kien wieħed korrett.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

17. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-Aġenzija appellanta fid-dawl ta' dak li ddeċida l-Bord, u dan filwaqt li ser tieħu wkoll in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet magħmula mill-appellata fir-risposta tagħha.

*L-ewwel aggravju: [in-nullità tal-appell imressaq quddiem il-Bord]*

18. L-Aġenzija appellanta qalet li l-appell imressaq mill-appellata quddiem il-Bord kien fih diversi mankanzi, u għalhekk kellu jitqies li huwa null. Qalet li fil-fatt l-appellata ressqet 'appell' fil-forma ta' ittra elettronika, fejn hija naqset milli telenka l-aggravji, u lanqas ma spjegat il-bażi legali għall-appell tagħha. L-Aġenzija appellanta qalet li dan lilha poġġiha f'sitwazzjoni ta' żvantaġġ għaliex ma setgħetx tkun taf b'liema mod kellha twieġeb għal-lanjanzi li kienet qegħda tilmenta minnhom l-appellata.

19. Il-Qorti tibda billi tirrileva li filwaqt li huwa minnu li l-appell imressaq mill-appellata quddiem il-Bord kien fih xi difetti proċedurali, dawn in-nuqqasijiet bl-ebda mod ma xekklu lill-Aġenzija appellanta milli tispjega l-fatti li wasslu għaċ-ċaħda tal-applikazzjoni tal-appellata, jew milli tispjega b'mod dettaljat il-liġi applikabbli, u dak li wassalha biex tieħu d-deċiżjoni li l-applikazzjoni tal-appellata kellha tiġi rifjutata. Fil-fatt il-Bord kien f'pożizzjoni li jagħti d-deċiżjoni tiegħu abbażi kemm ta' dak lanjat mill-appellata, li ressqet ukoll diversi dokumenti u provi in sostenn tal-argument tagħha li l-applikazzjoni tagħha kellha tiġi aċċettata, kif ukoll abbażi ta' dak sollevat mill-Aġenzija appellanta, li ddeċidiet li ladarba l-applikazzjoni tal-applikanta kienet waħda tardiva u l-

applikanta ma ġabet l-ebda ġustifikazzjoni għal din it-tardività, l-applikazzjoni tagħha kellha tiġi miċħuda. Id-difett fil-forma lanjat mill-appellanta ma kienx difett tali li wassal biex l-Aġenzija appellanta ma setgħetx tirrispondi jew kellha diffikultajiet biex tistabbilixxi l-fatti marbuta ma' dan il-każ partikolari, u għalhekk mhijiex ġustifikata l-appellanta li tgħid li hija kienet f'sitwazzjoni ta' preġudizzju għaliex l-aggravji tal-applikanta ma ġewx ippreżentati fil-forma stabbilita. Fil-fatt lil din il-Qorti jirriżultalha li l-appellata spjegat b'mod tajjeb għal liema raġuni hija ħassitha aggravata bid-deċiżjoni tal-Aġenzija appellanta, u għal liema raġuni hija kellha diffikultà tottempera ruħha mat-terminu stabbilit fil-Ftehim dwar il-Ħruġ sabiex tirregolarizza l-pożizzjoni tagħha. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, tqis li dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

*It-tieni aggravju:* *[Il-Bord żbalja meta kkonkluda li l-appellata kienet tirrisjedi Malta]*

20. L-Aġenzija appellanta qalet li hija ħassitha aggravata wkoll għaliex il-Bord ma messux iddeċieda li l-appellata kienet tirrisjedi f'Malta, Stat Membru, għall-perijodu stabbilit fil-Ftehim dwar il-Ħruġ, u dan għaliex l-appellata kellha l-obbligu li teżerċita d-dritt li tirrisjedi fi Stat Membru qabel tmiem il-perijodu ta' transizzjoni. Qalet li l-appellata kellha tintavola l-applikazzjoni tagħha sat-30 ta' Ġunju, 2021, sakemm kellha provi suffiċjenti li hija kienet tirrisjedi f'Malta fil-perijodu transitorju. Qalet li l-appellata intavolat l-applikazzjoni tagħha fl-14 ta' Lulju, 2021, jiġifieri wara t-terminu impost fil-liġi, u minkejja din it-tardività, hija xorta waħda naqset milli tagħti raġuni valida għal din it-tardività.

21. Il-Qorti tirrileva li fil-każ odjern, il-perijodu rilevanti huwa dak li jippreċedi l-31 ta' Diċembru, 2020, għaliex l-obbligu tal-prova ta' residenza kontinwa jkopri l-perijodu li ġie fi tmiemu ma' tmiem il-perijodu ta' transizzjoni. Fil-fatt l-appellata kellha l-obbligu li tipprova li kien hemm kontinwità ta' residenza sal-perijodu li għalaq fil-31 ta' Diċembru, 2020. L-appellata ressqet prova tal-kontinwità tar-residenza tagħha fil-forma ta' kontijiet tad-dawl u l-ilma fuq l-appartament li hija tikri f'Buġibba mingħand il-koppja Caruana, u kopja ta' *statement bankarju* li juri li f'Awwissu tal-2020, kien hemm tliet istanzi ta' ġbid ta' flus minn kont bankarju abbinat mas-sieħeb tal-appellata. L-ebda prova oħra ma nġabet li fil-fatt l-appellata kienet ilha f'Malta għal perijodu kontinwu qabel irritornat lejn ir-Renju Unit f'Ottubru tal-2020. Il-Qorti tirrileva li s-sena 2020 kienet is-sena li fiha daħlu fis-seħħ ir-restrizzjonijiet minħabba l-pandemija, u li għalhekk kellu jkun aktar faċli għall-appellata li ġġib prova li għal perijodu ta' sitt xhur tul din is-sena hija kienet qegħda tirrisjedi f'Malta, kemm minħabba li l-ajruport ta' Malta kien magħluq għal perijiodu ta' tliet xhur, u għalhekk presumibbilment, jekk hija kienet f'Malta meta faqqgħet il-pandemija, ma kienx possibbli għaliha li tħalli Malta qabel Lulju tal-2020, kif ukoll għaliex f'dak iż-żmien bosta tranżazzjonijiet, xiri u affarijiet oħra tal-ħajja ta' kuljum kienu qegħdin isiru b'mod elettroniku. Il-Qorti kienet tistenna provi ferm aktar b'saħħithom da parti tal-appellata bħala prova li hija qattgħet perijodu ta' sitt xhur tgħix f'Malta fiż-żmien rilevanti. Iżda l-appellata ressqet biss il-kontijiet tad-dawl u l-ilma li kien jirċievi sid il-fond mikri lilha, u kopja ta' *statement* bankarju li lanqas biss huwa f'isimha, iżda f'isem is-sieħeb tagħha. Ma nġabu ebda *affidavits* ta' ħbieb tal-appellata, ebda prova ta' xiri minn ħwienet lokali, ebda prova ta' appuntamenti mediċi li saru f'pajjiżna ma nġabet, bħalma ma nġabet

l-ebda kopja tal-kontijiet tal-mezzi tat-telekomunikazzjoni jew tal-Internet li tħallas fiż-żmien li fih l-appellata tgħid li kienet f'Malta, u l-ebda ritratti ma ġew esebiti bħala prova li għal tul ta' żmien matul l-2020, l-appellata qattgħet f'Malta t-tul ta' żmien stabbilit bil-Ftehim dwar il-Ħruġ. Għaldaqstant, l-Aġenzija appellanta għandha raġun tgħid li l-appellata naqset milli tipprovdi prova suffiċjenti li hija kienet tirrisjedi f'Malta fil-perijodu rilevanti, u li l-provi miġjuba minnha fil-fatt ma jikkostitwixxux l-aħjar prova li setgħet tinġieb minnha in sostenn tal-pretensjoni tagħha. Għaldaqstant in vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti qegħda tilqa' t-tieni aggravju, u qegħda tiddikjara li fil-fatt il-Bord kien żbaljat fil-konsiderazzjonijiet tiegħu meta qies li l-appellata rnexxielha tipprova li fiż-żmien rilevanti hija kienet tirrisjedi hawn Malta. Fil-fehma ta' din il-Qorti, kien hawnhekk fejn il-Bord żbalja, għaliex fiż-żminijiet li qegħdin ngħixu fihom, il-kwalità tal-provi li setgħet tinġieb mill-appellata kellha tkun ferm aħjar u ferm aktar konvinċenti mill-provi miġjuba minnha, u huwa għal dawn ir-raġunijiet li din il-Qorti qegħda tilqa' dan l-aggravju.

*It-tielet aggravju:* *[apprezzament żbaljat tal-liġi u senjatament tal-artikolu 5 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.25]*

22. L-appellanta qalet ukoll li l-Bord għamel apprezzament żbaljat tal-liġi applikabbli, jiġifieri tal-artikolu 5 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.25, u dan għaliex l-appellata ma tat l-ebda raġuni għad-dewmien sabiex intavolat l-applikazzjoni tagħha, u dan fid-dawl tal-fatt li l-applikazzjoni tal-appellata ddaħħlet wara t-terminu impost mil-liġi.

23. Hawnhekk il-Qorti tirrileva li ladarba diġà ġie stabbilit li l-appellata naqset milli tipprova li fiż-żmien rilevanti hija kienet residenti ġewwa Malta, m'hemmx il-ħtieġa li jiġi eżaminat jekk fil-fatt din irnexxilhiex iġġib prova jew ġustifikazzjoni għat-tardività biex ressqet l-applikazzjoni tagħha. Il-Qorti tifhem li ż-żmien rilevanti kien wieħed partikolari ħafna fl-istorja riċenti, u li għal żmien twil kien hemm interruzzjonijiet fl-ivvjaġġar, kanċellamenti ta' vjaġġi bl-ajru, u saħansitra ordnijiet biex persuni ma joħorġux minn djarhom bla bżonn. Bosta min-nies kellhom ukoll il-biżgħa li jimirdu jew li jkollhom jagħmlu perijodu ta' kwarantina fi żmien meta kellhom jivvjaġġaw bejn pajjiż u ieħor, u għalhekk il-Bord ra li mil-lat uman, kien hemm ġustifikazzjoni għat-tardività tal-appellata. M'hemm xejn iżda li jiġġustifika n-nuqqas ta' prova li kellha tagħmel l-appellata sabiex turi li fil-fatt hija kienet residenti f'pajjiżna għal perijodu ta' żmien fiż-żmien stabbilit mill-Ftehim dwar il-Ħruġ, u huwa għalhekk li din il-Qorti sejra tilqa' dan l-appell.

## Decide

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi dan l-appell billi tiċħad l-ewwel u t-tielet aggravju, filwaqt li tilqa' t-tieni aggravju, u tiddeċiedi li l-appellata ma ġabitx prova li fil-perijodu rilevanti hija kienet residenti f'Malta għat-tul ta' żmien stabbilit, u għalhekk qegħda tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni ta' rifjut tal-applikazzjoni tal-appellata maħruġa mill-Aġenzija appellanta fl-20 ta' Diċembru, 2021.**

**In vista taċ-ċirkostanzi tal-każ, l-ispejjeż għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**